Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

# Nota ta' informazzjoni dwar it-trasferimenti ta' data skont il-GDPR f'każ ta' Brexit ta' ebda ftehim

**Adottata fit-12 ta' Frar 2019**

**Aġġornata fl-4 ta' Ottubru 2019**

## *Introduzzjoni*

F'każ ta' ebda ftehim bejn iż-ŻEE u r-Renju Unit (Brexit ta' ebda ftehim), ir-Renju Unit ser isir pajjiż terz minn 00.00am CET tal-1 ta' Novembru 2019. Dan ifisser li t-trasferiment ta' data personali lejn ir-Renju Unit irid ikun ibbażat fuq wieħed mill-istrumenti li ġejjin[1] mill-1 ta' Novembru 2019:

- Klawżoli standard jew ad hoc dwar il-Protezzjoni tad-Data
- Regoli Korporattivi Vinkolanti
- Il-Kodiċijiet ta' Kondotta u l-Mekkaniżmi ta' Ċertifikazzjoni
- Derogi[2]

Din in-nota tipprovdi informazzjoni għal organizzazzjonijiet kummerċjali u pubbliċi dwar dawn l-istrumenti ta' trasferiment skont il-GDPR għat-trasferiment ta' data personali lejn ir-Renju Unit f'każ ta' Brexit ta' ebda ftehim

L-EDPB jibni fuq il-gwida pprovduta dwar din il-kwistjoni minn awtoritajiet superviżjorji u mill-Kummissjoni Ewropea (KE) L-organizzazzjonijiet taż-ŻEE jistgħu jirreferu, jekk ikun hemm bżonn, għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti għas-sorveljanza tal-attivitajiet ta' pproċessar relatati.

---

[1] Ara l-Kapitolu V tal-GDPR.

[2] Dawn jistgħu jintużaw biss f'nuqqas ta' Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data jew salvagwardji xierqa alternattivi oħrajn.

# I. 5 passi li għandhom jieħdu organizzazzjonijiet biex jippreparaw għal Brexit ta' ebda ftehim

Meta tittrasferixxi data lejn ir-Renju Unit, inti tenħtieġ:

1. Tidentifika liema attivitajiet ta' pproċessar ser jimplikaw trasferiment ta' data personali lir-Renju Unit
2. Tiddetermina l-istrument tat-trasferiment tad-data xieraq għas-sitwazzjoni tiegħek (ara hawn taħt)
3. Timplimenta l-istrument tat-trasferiment tad-data magħżul biex ikun lest għall-1 ta' Novembru 2019
4. Tindika fid-dokumentazzjoni interna tiegħek li t-trasferimenti ser isiru lejn ir-Renju Unit
5. Taġġorna l-avviż ta' privatezza tiegħek kif xieraq biex tinforma lill-individwi

# II. Trasferimenti tad-data miż-ŻEE lejn ir-Renju Unit

## 1. *Strumenti ta' trasferiment disponibbli*

F'nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza[3] fil-ħin ta' Brexit, dawn li ġejjin huma l-istrumenti tat-trasferiment tad-data disponibbli.

### a. Klawżoli standard jew ad hoc dwar il-Protezzjoni tad-Data

Inti u l-kontroparti tar-Renju Unit tiegħek tistgħu taqblu dwar l-użu ta' Klawżoli Standard dwar Protezzjoni tad-Data approvati mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kuntratti joffru salvagwardji adegwati addizzjonali b'rispett għall-protezzjoni tad-data li huma meħtieġa f'każ ta' trasferiment ta' data personali lil kwalunkwe pajjiż terz.

[3] Deċiżjoni ta' adegwatezza hija deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 45 tal-GDPR (pereżempju, deċiżjoni ta' adegwatezza dwar il-Ġappun adottata mill-Kummissjoni fit-23 ta' Jannar 2019. Qabel, il-KE kienet adottat ukoll deċiżjonijiet ta' adegwatezza dwar pajjiżi terzi bħall-Arġentina, New Zealand, u l-Iżrael, fost oħrajn). Bħalissa, ma hemm l-ebda tali deċiżjoni ta' adegwatezza fis-seħħ għar-Renju Unit.

Hemm tliet settijiet ta' Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data disponibbli bħalissa:

- Kontrollur taż-ŻEE għal kontrollur ta' pajjiż terz (eż. ir-Renju Unit): 2 settijiet disponibbli:
    - 2001/497/KE
    - 2004/915/KE
- Kontrollur taż-ŻEE għal proċessur ta' pajjiż terz (eż. ir-Renju Unit):
    - 2010/87/UE

Huwa importanti li jiġi nnotat li l-Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data ma jistgħux jiġu mmodifikati u jridu jiġu ffirmati kif ipprovdut. Madankollu, dawn il-kuntratti jistgħu jiġu inklużi f'kuntratt usa' u jistgħu jiżdiedu klawżoli addizzjonali sakemm ma jikkontradixxux, direttament jew indirettament, il-Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data adottati mill-Kummissjoni Ewropea. Waqt li jikkunsidra l-perjodu ta' żmien qabel l-1 ta' Novembru 2019, l-EDPB jirrikonoxxi li l-Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data huma strument lest biex jintuża.

Kwalunkwe modifika ulterjuri għall-Klawżoli Standard dwar il-Protezzjoni tad-Data ser timplika li dawn ser jiġu kkunsidrati bħala klawżoli kuntrattwali ad-hoc. Dan jista' jipprovdi salvagwardji xierqa li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Qabel kwalunkwe trasferiment, dawn il-klawżoli kuntrattwali mfassla apposta jridu jiġu awtorizzati minn awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti, wara opinjoni tal-EDPB.

## b. Regoli Korporattivi Vinkolanti

Regoli Korporattivi Vinkolanti huma politiki dwar il-protezzjoni ta' data personali osservati minn grupp ta' impriżi (jiġifieri multinazzjonali) sabiex jipprovdu salvagwardji xierqa għal trasferimenti ta' data personali fi ħdan il-grupp, inkluż barra miż-ŻEE.

Inti jista' jkun li diġà għandek BCRs fis-seħħ jew diġà tikkoopera ma' proċessuri li jagħmlu użu minn BCR għal Proċessuri. Organizzazzjonijiet jistgħu xorta waħda jiddependu minn dawn il-BCRs awtorizzati skont id-Direttiva 95/46/KE preċedenti li ser jibqgħu validi skont il-GDPR[4]. Madankollu, dawn il-BCRs għandhom bżonn li jiġu aġġornati biex ikunu kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.

Jekk inti m'għandekx BCRs fis-seħħ, dawn iridu jiġu approvati minn awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti, wara opinjoni tal-EDPB.

Inti tista' ssib spjegazzjonijiet ulterjuri dwar il-kundizzjonijiet biex tapplika r-Regoli Korporattivi Vinkolanti fuq is-sit web tal-EDPB.

[4] Skont l-Artikolu 46.5 tal-GDPR. Jekk jogħġbok innota li BCRs awtorizzati skont id-Direttiva 95/46/KE preċedenti baqgħu validi taħt il-GDPR, iżda għandhom bżonn li jiġu aġġornati biex ikunu kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.

### c. Kodiċijiet ta' kondotta u l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni

Kodiċi ta' kondotta jew mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jista' joffri salvagwardji xierqa għal trasferimenti ta' data personali jekk ikun fihom impenji vinkolanti u infurzabbli mill-organizzazzjoni fil-pajjiż terz għall-benefiċċju tal-individwi.

Dawn l-għodod huma ġodda taħt il-GDPR u l-EDPB qed jaħdem fuq linji gwida sabiex jagħti aktar spejgazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet armonizzati u l-proċedura biex jintużaw dawn l-għodod.

## 2. *Derogi*

Huwa importanti li jiġi sottolinjat li d-derogi jippermettu t-trasferiment tad-data taħt ċerti kundizzjonijiet u huma eċċezzjonijiet għar-regola li jkunu ġew stabbiliti salvagwardji xierqa (ara l-istrumenti msemmija aktar 'il fuq bħal BCRs, klawżoli standard dwar protezzjoni tad-data...) jew it-trasferiment tad-data abbażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza. Għalhekk, dawn jeħtieġ li jiġu interpretati ristrettivament u jkunu relatati prinċipalment mal-attivitajiet ta' pproċessar li huma okkażjonali u mhux ripetittivi.[5]

Dawn id-derogi jinkludu fost oħrajn skont l-artikolu 49 tal-GDPR:

- fejn individwu jkun ta kunsens b'mod espliċitu għat-trasferiment propost wara li ġie pprovdut bl-informazzjoni kollha neċessarja dwar ir-riskji assoċjati mat-trasferiment;
- fejn it-trasferiment huwa neċessarju għat-twettiq jew għall-konklużjoni ta' kuntratt bejn l-individwu u l-kontrollur jew fejn il-kuntratt jiġi konkluż fl-interess tal-individwu;
- jekk it-trasferiment ikun meħtieġ għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku;
- jekk it-trasferiment huwa neċessarju għal raġunijiet ta' interessi leġittimi konvinċenti tal-organizzazzjoni.

Inti tista' ssib aktar spjegazzjonijiet dwar derogi disponibbli u kif tapplikahom fil-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 49 tal-GDPR

## 3. *Strumenti disponibbli esklussivament għal awtoritajiet jew korpi pubbliċi*

Awtoritajiet pubbliċi jistgħu jikkunsidraw li jużaw mekkaniżmi li l-GDPR jikkunsidra li huma aktar xierqa għas-sitwazzjoni tagħhom.

Għażla waħda hija li jintuża strument li huwa legalment vinkolanti u infurzabbli, bħal ftehim amministrattiv, ftehim bilaterali jew multilaterali internazzjonali. Il-ftehim irid ikun vinkolanti u infurzabbli għall-firmatarji.

It-tieni għażla hija li jintużaw arranġamenti amministrattivi, bħal Memoranda ta' Fehim, li għalkemm mhumiex legalment vinkolanti xorta jridu jipprovdu drittijiet tas-suġġett tad-data li jkunu infurzabbli u effettivi. L-arranġamenti amministrattivi huma soġġetti għal awtorizzazzjoni minn awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti, wara opinjoni tal-EDPB.

[5] Ara l-premessa 113 u l-Artikolu 49.1 tal-GDPR.

Barra minn hekk, id-derogi msemmija hawn fuq huma wkoll disponibbli għal trasferimenti minn awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għall-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet rilevanti.

Għal awtoritajiet pubbliċi li jeżerċitaw funzjonijiet ta' infurzar tal-liġi kriminali[6], hemm għodod ta' trasferiment addizzjonali disponibbli.[7]

## III. Trasferimenti tad-Data mir-Renju Unit għal *Membri* taż-ŻEE

Skont il-Gvern tar-Renju Unit, il-prattika attwali, li tippermetti fluss liberu ta' data personali mir-Renju Unit għaż-ŻEE, ser tkompli fil-każ ta' Brexit ta' ebda ftehim[8].

Għal dan il-għan, il-Gvern tar-Renju Unit u s-sit web tal-ICO għandhom jiġu kkonsultati b'mod regolari.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
Il-President

(Andrea Jelinek)

---

[6]Li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi.
[7] Ara l-Artikoli 37 u 38 LED. Pereżempju, trasferimenti jistgħu jseħħu meta awtorità tal-UE tikkonkludi li jeżistu salvagwardji xierqa f'pajjiż terz wara (awto-) valutazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha madwar it-trasferiment. Barra minn hekk, jistgħu jkunu applikabbli derogi addizzjonali għal sitwazzjonijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 38 DIL).
[8]https://www.gov.uk/government/publications/data-protection-if-theres-no-brexit-deal/data-protection-if-theres-no-brexit-deal